*9 ta' Novembru, 2012*

*125/2012*

**DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2013**

Ir-Regolamenti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena 2013 ġew ippublikati fuq il-website tal-Knisja f'Malta, fil-paġna: www.maltadiocese.org/lang/mt/church-schools

B'kollox ser ikun hemm total ta' 1,802 postijiet vakanti. L-applikazzjonijiet ser isiru f'diversi skejjel tal-Knisja bejn Novembru u Frar. Min ser japplika għandu jieħu miegħu d-dokumenti meħtieġa u l-applikazzjoni timtelà dakinhar stess. B'hekk l-applikanti ma jkollhomx għalfejn jinqalgħu darbtejn. Lista tad-dokumenti meħtieġa, u l-ġranet meta wieħed għandu jmur japplika u fejn, huma imniżżla fir-Regolamenti. Dawk li ser japplikaw bħala 'każijiet umanitarji gravi' għandhom isegwu l-istruzzjonijiet imniżżla fir-Regolamenti tal-każijiet umanitarji gravi.

Għat-tielet sena konsekuttiva, u bħala parti minn proċess ta' tliet snin, ser isir dħul ta' studenti subien fir-raba' sena primarja, fis-St. Paul's Missionary College u fis-Seminarju r-Rabat.

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika 2013-2014 huwa kif ġej:

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet |
|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 77 | 91 |
| It-tieni sena kindergarten | 119 | 281 |
| L-ewwel sena primarja | 387 | 267 |
| Ir-raba' sena primarja | 125 | - |
| L-ewwel sena sekondarja | 419 | 36 |
| **TOTAL** | 1127 | 675 |

Mit-total ta' 1,802, xi postijiet ser jingħataw lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet umanitarji gravi li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet umanitarji gravi jagħmlu applikazzjoni aktar dettaljata u jsegwu proċess paralleli għall-applikazzjonijiet l-oħra. L-applikazzjonijiet għall-każijiet umanitarji gravi ser jibdew f'Novembru u jkomplu f'Jannar. Aktar dettalji tar-regolamenti tal-każijiet umanitarji gravi jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja.

Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.maltadiocese.org. Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal involuti.

L-applikazzjonijiet skont l-ewwel kriterju, tfal minn djar tal-Knisja, aħwa, impjegati, transfers, u skola bla kontinwità ser isiru fis-26, 27 u 28 ta' Novembru f'St Elias Santa Venera, St Michael's Santa Venera u s-Seminarju r-Rabat.

Fir-rigward ta' każijiet umanitarji gravi ta' tfal minn djar tal-Knisja, aħwa, impjegati, transfers, u skola bla kontinwità, wieħed għandu jċempel għal appuntament fid-19, 20, u 21 ta' Novembru lis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija fuq 27 790077.

Fir-rigward ta' każijiet umanitarji gravi ta' applikanti oħra, wieħed għandu jċempel lis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija fuq 27 790077 fit-28, 29 u 30 ta' Jannar.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għal dħul fl-ewwel sena kindergarten ser isiru fit-18, 19 u 21 ta' Frar fis-Seminarju r-Rabat, St Angela Msida u Żabbar, St Francis Msida, u Theresa Nuzzo Ħamrun.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għal dħul fit-tieni sena kindergarten ser isiru fis-6, 7 u 15 ta' Frar fil-Kulleġġ Missjunarju San Pawl ir-Rabat, St Angela Msida u Żabbar, St Joseph Blata l-Bajda, Stella Maris/St Aloysius Jr Balzan, u Theresa Nuzzo Ħamrun.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għal dħul fl-ewwel sena primarja ser isiru fil-5, 6 u 14 ta' Frar fid-De La Salle College il-Birgu, is-Seminarju r-Rabat, St Albert Valletta, St Aloysius College B'Kara, u St Elias Santa Venera.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għal dħul fir-raba' sena primarja ser isiru fl-24, 25 u 31 ta' Jannar fil-Kulleġġ Missjunarju San Pawl ir-Rabat, St Augustine College Pieta`, u St Michael Santa Venera.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għal dħul fl-ewwel sena sekondarja ser isiru fil-21, 22 u 28 ta' Jannar fil-Kulleġġ Missjunarju San Pawl ir-Rabat, St Albert Valletta, St Augustine College Pieta`, St Michael Santa Venera, u Stella Maris College Gżira.

Aktar dettalji jinkisbu mir-Regolamenti li jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja fil-paġna:
www.maltadiocese.org/lang/mt/church-schools

L-applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika li jmiss ser isiru kif ġej:

| Applikazzjonijiet Skont il-Kriterju | Data | Post |
|---|---|---|
| **Tfal minn Djar tal-Knisja, Aħwa, Impjegati, Transfers, Skola bla Kontinwità** | 26, 27 u 28 ta' Novembru | Is-Seminarju Rabat<br>St Elias Santa Venera<br>St Michael's Santa Venera |
| **Każijiet Umanitarji Gravi:**<br>Tfal minn Djar tal-Knisja, Aħwa, Impjegati, Transfers, Skola bla Kontinwità | Iċċemplu għal appuntament fid-<br>19, 20 u 21 ta' Novembru | Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija – 277 900 77 |
| **Każijiet Umanitarji Gravi:**<br>Applikanti Oħra | Iċċemplu għal appuntament fit-<br>28, 29 u 30 ta' Jannar | Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija – 277 900 77 |
| **Applikanti Oħra**<br>**Kinder 1**<br>Twieldu fis-sena 2010 | 18, 19 u 21 ta' Frar | Is-Seminarju Rabat<br>St Angela, Msida u Żabbar<br>St Francis Msida<br>Theresa Nuzzo Ħamrun |
| **Applikanti Oħra**<br>**Kinder 2**<br>Twieldu fis-sena 2009 | 6, 7 u 15 ta' Frar | Kulleġġ Missjunarju San Pawl Rabat<br>St Angela, Msida u Żabbar<br>St Joseph Blata l-Bajda<br>Stella Maris/St Aloysius Jr Balzan<br>Theresa Nuzzo Ħamrun |
| **Applikanti Oħra**<br>**Year 1**<br>Twieldu fis-sena 2008 | 5, 6 u 14 ta' Frar | De La Salle Birgu<br>Is-Seminarju Rabat<br>St Albert Valletta<br>St Aloysius B'Kara<br>St Elias Santa Venera |
| **Applikanti Oħra**<br>**Year 4**<br>Twieldu fis-sena 2005 | 24, 25 u 31 ta' Jannar | Kulleġġ Missjunarju San Pawl Rabat<br>St Augustine Pieta`<br>St Michael's Santa Venera |
| **Applikanti Oħra**<br>**Form 1**<br>Twieldu fis-sena 2002 | 21, 22 u 28 ta' Jannar | Kulleġġ Missjunarju San Pawl Rabat<br>St Albert Valletta<br>St Augustine Pieta`<br>St Michael's Santa Venera<br>Stella Maris Gżira |

Aktar dettalji jinkisbu mir-Regolamenti li jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja fil-paġna:
www.maltadiocese.org/lang/mt/church-schools